2025/2295

14.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2295

tat-13 ta' Novembru 2025

li jistabbilixxi l-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-klassifikazzjonijiet statistiċi, id-diżaggregazzjonijiet, il-metadata u l-miri ta' preċiżjoni tagħhom għas-suġġetti "postijiet tax-xogħol battala", "indiċi tal-kost lavorattiv" u "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri" skont ir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(7) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiżgura l-implimentazzjoni eżatta tal-ġbir tad-data tas-suġġetti "postijiet tax-xogħol battala", "indiċi tal-kost lavorattiv" u "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri", il-Kummissjoni trid tispeċifika l-kontenut u l-elementi tekniċi tas-settijiet tad-data, il-kunċetti statistiċi, id-diżaggregazzjonijiet, il-miri ta' preċiżjoni, il-metadata u l-formati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni.

(2) L-istatistika dwar is-setturi ekonomiċi jenħtieġ li tkun komparabbli internazzjonalment. Għalhekk, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jużaw klassifikazzjoni statistika għas-setturi ekonomiċi li tkun kompatibbli mal-klassifikazzjoni NACE ([2]).

(3) Għall-interpretazzjoni u l-użu tal-istatistika trimestrali hemm bżonn metadata predeterminata.

(4) Biex ikun aktar faċli li jsiru paraguni u interpretazzjonijiet tar-riżultati u biex tiżdied il-koerenza bejn id-data disseminata fil-livell nazzjonali u d-data disseminata internazzjonalment maż-żmien, hemm bżonn aġġustament staġunali jew kalendarju għall-kompilazzjoni tal-istatistika għal żmien qasir.

(5) Għal finijiet analitiċi, hu importanti li jkun hemm disponibbli ammont xieraq ta' data b'lura biex maż-żmien ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-indikaturi għal żmien qasir.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom

1. Id-data għandha tintbagħat fil-livell nazzjonali. Il-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom, kif ukoll il-klassifikazzjonijiet statistiċi u d-diżaggregazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat), għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness I.

([1]) ĠU L, 2025/941, 20.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/941/oj.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

2. Għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri", meta d-data għas-suġġett "struttura tal-pagi" issir disponibbli, id-data dwar id-"differenza fil-pagi bejn il-ġeneri" mibgħuta skont dan ir-Regolament għandha tiġi riveduta, jekk ikun meħtieġ. Id-data riveduta għandha tkun taqbel għalkollox mal-valuri korrispondenti mibgħuta skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1526 ([3]).

Artikolu 2

Miri ta' preċiżjoni

Il-miri ta' preċiżjoni għall-istħarriġiet statistiċi għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 3

Metadata

1. Meta jippreżentaw id-data trimestrali lill-Kummissjoni (Eurostat) għas-suġġetti "postijiet tax-xogħol battala" u "indiċi tal-kost lavorattiv", u d-data annwali għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri" skont ir-Regolament (UE) 2025/941, l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni (metadata) dwar:

(a) Bidliet kbar fis-suq tax-xogħol li kellhom impatt fuq l-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati jew battala għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala", fuq l-indiċi tal-kost lavorattiv u l-komponenti tiegħu għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv", u fuq il-varjabbli tas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri".

(b) Bidliet fis-sorsi u l-metodi implimentati fl-aħħar trimestru ta' referenza għas-suġġetti "postijiet tax-xogħol battala" u "indiċi tal-kost lavorattiv", jew fl-aħħar sena ta' referenza għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri", li jiddeskrivu:

— il-bidliet fis-sorsi u l-metodi;

— is-serje affettwata, fil-livell tat-taqsima tan-NACE;

— l-effett mistenni f'termini ta' kwalità, b'mod partikolari il-preġudizzji u l-volatilità;

— jekk il-bidliet ikkawżawx interruzzjoni fis-serje u jekk id-data tal-passat ġietx aġġustata jew riveduta.

(c) Il-kawżi ta' reviżjonijiet kbar jew frekwenti tad-data tal-passat.

(d) Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra biex il-bidliet kbar fid-data jkunu jistgħu jiġu interpretati u relatati mas-sitwazzjoni attwali fis-suq tax-xogħol jew ma' bidliet fis-sorsi u l-metodi.

Artikolu 4

Formati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu settijiet tad-data lill-Kummissjoni (Eurostat) b'format elettroniku, li jkun fihom data verifikata u editjata għalkollox skont ir-regoli tal-validazzjoni f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-varjabbli stabbilita fl-Anness I. Id-data għandha tintbagħat f'settijiet tad-data sħaħ li jkunu jkopru l-varjabbli kollha, irrispettivament mill-għadd ta' osservazzjonijiet u varjabbli riveduti.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli d-data u l-metadata lill-Kummissjoni (Eurostat) kif jeżiġi dan ir-Regolament permezz tal-istandards tal-iskambju tad-data statistika speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat) u l-punt ta' dħul uniku.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1526 tad-29 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi l-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-klassifikazzjonijiet statistiċi u l-miri ta' preċiżjoni tagħhom għas-suġġett struttura tal-pagi skont ir-Regolament (UE) 2025/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/1526, 30.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1526/oj).

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom

1. LISTA U DESKRIZZJONI TAL-VARJABBLI

(a) **Għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala"**

Id-data għandha tintbagħat (i) mhux aġġustata u (ii) aġġustata staġunalment.

Suġġett dettaljat	Isem il-varjabbli	Unità tal-kejl	Diżaggregazzjonijiet
Postijiet battala	Postijiet battala	Numru, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T — A (*fakultattiva*)
		Numru, aġġustat staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — F, J, K, L, M, u — aggregati: B sa E, G sa I, N sa O, P sa R u S sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*)
	Postijiet battala ma' aġenziji tal-impjieg temporanju rreġistrati skont l-attività ekonomika tal-intrapriża jew l-unità lokali fejn l-impjegat iwettaq l-attività professjonali (*fakultattiva*)	Numru, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T
		Numru, aġġustat staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — A, F, J, K, L, M, u — aggregati: B sa E, G sa I, N sa O, P sa R u S sa T
Postijiet okkupati	Postijiet okkupati	Numru, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T — A (*fakultattiva*)
		Numru, aġġustat staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — F, J, K, L, M, u — aggregati: B sa E, G sa I, N sa O, P sa R u S sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*)
	Postijiet okkupati ma' aġenziji tal-impjieg temporanju rreġistrati skont l-attività ekonomika tal-intrapriża jew l-unità lokali fejn l-impjegat iwettaq l-attività professjonali (*fakultattiva*)	Numru, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — A, B C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T
		Numru, aġġustat staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — A, F, J, K, L, M, u — aggregati: B sa E, G sa I, N sa O, P sa R u S sa T

(b) **Għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv"**

Id-data għandha tintbagħat (i) mhux aġġustata; (ii) aġġustata kalendarjament; u (iii) aġġustata kalendarjament u staġunalment. L-aġġustament kalendarju u l-aġġustament staġunali għandhom isiru indirettament biex titħares il-koerenza bejn il-komponenti u l-aggregati.

Suġġett dettaljat	Isem il-varjabbli	Unità tal-kejl	Diżaggregazzjonijiet
Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma	Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali għal kull siegħa maħduma	Indiċi, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
		Indiċi, aġġustat kalendarjament	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
		Indiċi aġġustat kalendarjament u staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
	Indiċi trimestrali tal-pagi u s-salarji għal kull siegħa maħduma	Indiċi, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
		Indiċi, aġġustat kalendarjament	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
		Indiċi aġġustat kalendarjament u staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T

Suġġett dettaljat	Isem il-varjabbli	Unità tal-kejl	Diżaggregazzjonijiet
	Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għajr il-pagi u s-salarji għal kull siegħa maħduma	Indiċi, mhux aġġustat	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
		Indiċi, aġġustat kalendarjament	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
		Indiċi aġġustat kalendarjament u staġunalment	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T
Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali (*)	Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali	Indiċi, mhux aġġustat	Taqsima tan-NACE: — F u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*).
		Indiċi, aġġustat kalendarjament	Taqsima tan-NACE: — F u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*).
		Indiċi aġġustat kalendarjament u staġunalment	Taqsima tan-NACE: — F u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*).

Suġġett dettaljat	Isem il-varjabbli	Unità tal-kejl	Diżaggregazzjonijiet
Indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma (*)	Indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma	Indiċi, mhux aġġustat	Taqsima tan-NACE: — F u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*).
		Indiċi, aġġustat kalendarjament	Taqsima tan-NACE: — F u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*).
		Indiċi aġġustat kalendarjament u staġunalment	Taqsima tan-NACE: — F u — aggregati: B sa E, G sa O, B sa O, P sa T u B sa T It-taqsimiet tan-NACE individwali l-oħra kollha mhux elenkati hawn fuq (*fakultattiva*)
Kostijiet lavorattivi annwali	Kostijiet lavorattivi totali	Munita nazzjonali	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa T
	Pagi u salarji	Munita nazzjonali	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa T
	Kostijiet lavorattivi għajr il-pagi u s-salarji	Munita nazzjonali	Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T u — aggregati: B sa T

(*) Din fakultattiva.

(c) **Għas-suġġett “differenza fil-pagi bejn il-ġeneri”**

Suġġett dettaljat	Isem il-varjabbli	Unità tal-kejl	Diżaggregazzjonijiet
Paga fis-siegħa	Paga grossa fis-siegħa	Munita nazzjonali	Ġeneru: — raġel, mara Klassijiet tal-età: — sa 29, 30-34, 35-44, 45-54, 55-64, 65+ Ħin tax-xogħol kuntrattwali: — full-time, part-time Kontroll ekonomiku u finanzjarju: — pubbliku, privat Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T
Paga fis-siegħa	Differenza fil-pagi bejn il-ġeneri	Persentaġġ	Klassijiet tal-età: — sa 29, 30-34, 35-44, 45-54, 55-64, 65+ Ħin tax-xogħol kuntrattwali: — full-time, part-time Kontroll ekonomiku u finanzjarju: — pubbliku, privat Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T
Impjegati	Impjegati	Numru, f’għadd ta’ impjegati	Ġeneru: — raġel, mara Klassijiet tal-età: — sa 29, 30-34, 35-44, 45-54, 55-64, 65+ Ħin tax-xogħol kuntrattwali: — full-time, part-time Kontroll ekonomiku u finanzjarju: — pubbliku, privat Taqsimiet tan-NACE: — B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O, P, Q, R, S, T

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2295/oj

2. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

(a) **Għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala"**

(1) *Post okkupat* ([1]) hija pożizzjoni bi ħlas fi ħdan intrapriża residenti jew unità lokali residenti li għaliha jkun ġie assenjat impjegat għal perjodu definit jew sakemm jingħata avviż ieħor.

(2) *Post battal* hu pożizzjoni bi ħlas fi ħdan intrapriża residenti jew unità lokali residenti:

(a) Maħluq ġdid, mhux okkupat, jew wasal biex isir battal.

(b) Li għalihom l-impjegatur ikun qed jieħu passi attivi biex isib kandidat xieraq minn barra l-intrapriża kkonċernata (anke jekk il-pożizzjoni tista' tittieħed minn kandidat minn ġewwa l-intrapriża). Il-passi attivi biex isib kandidat xieraq jinkludu:

(i) notifika dwar l-impjieg battal lis-servizzi tal-impjieg pubbliku;

(ii) kuntatt ma' aġenzija privata tal-impjiegi/headhunters;

(iii) reklamar tal-post battal fuq il-midja (eżempju fuq l-internet, gazzetti, rivisti);

(iv) reklamar tal-post battal fuq bord pubbliku tal-avviżi;

(v) stediniet, intervistar jew għażla ta' kandidati possibbli/rekluti potenzjali direttament;

(vi) stediniet lil ħaddiema u/jew kuntatti personali;

(vii) reklutaġġ ta' interns biex timtela pożizzjoni bi ħlas wara perjodu ta' prova.

(c) Li l-impjegatur beħsiebu jimla l-pożizzjoni minnufih jew sa żmien speċifiku.

Fil-każ tal-aġenziji tal-impjieg temporanju, il-postijiet okkupati elenkati u l-postijiet battala li jridu jiġu elenkati fil-lista tal-pagi tal-aġenziji tal-impjieg temporanju għandhom jiġu rreġistrati:

— għat-trażmissjoni obbligatorja tal-istatistika dwar il-postijiet battala fit-Taqsima O tan-NACE, li tikkorrispondi għall-attività ekonomika tal-aġenziji tal-impjieg temporanju;

— b'mod fakultattiv, skont it-Taqsima tan-NACE tal-intrapriża residenti jew l-unità lokali residenti fejn l-impjegat iwettaq l-attività professjonali.

(b) **Għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv"**

(1) *Kostijiet lavorattivi totali* huma l-kostijiet totali mġarrba mill-impjegatur minħabba l-impjegar tal-ħaddiema. Dawn huma s-somma tal-pagi u s-salarji, inkluż il-bonusijiet, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u t-taxxi relatati mal-impjieg, meqjusa bħala kostijiet lavorattivi mħallsa mill-impjegatur, minus is-sussidji relatati mal-impjieg li jirċievi l-impjegatur.

(2) *Sigħat maħduma* jkopru t-total tas-sigħat maħduma effettivament mill-impjegati kollha, kemm l-impjegati full-time, l-impjegati part-time, l-apprendisti, it-trainees imħallsin jew l-interns. Is-sigħat effettivament maħduma huma definiti bħala s-somma tal-perjodi kollha mqattgħin fuq attivitajiet diretti u anċillari għall-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi tul it-trimestru ta' referenza. L-impjegati huma definiti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1526.

([1]) Dan jikkorrispondi għall-kunċett ta' "impjieg" fis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (il-paragrafu 11.22). Ara r-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1-727, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/549/oj).

Is-sigħat maħduma effettivament jinkludu:

— is-sigħat maħduma tul il-perjodi normali tax-xogħol;

— il-perjodi tas-sahra mħallsa, jiġifieri s-sigħat maħduma lil hinn mis-sigħat normali tax-xogħol, irrispettivament mir-rata tal-ħlas fis-siegħa applikata (eż. jekk rata ta' siegħa sagħtejn, din trid titniżżel bħala siegħa waħda);

— il-perjodi tas-sahra mhux imħallsa ([2]) (jekk possibbli);

— il-ħin imqatta' fuq kompiti bħal: il-preparazzjoni tax-xogħol u tas-sit; il-preparazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija u t-tindif tal-għodda u l-magni; il-kitba tal-irċevuti u l-fatturi; il-kitba tal-karti tax-xogħol u ta' rapporti, eċċ;

— il-ħin imqatta' fuq il-post tax-xogħol meta ma jkunx hemm xogħol għax, pereżempju, il-magni ma jkunux qed jaħdmu, jinqala' xi aċċident jew okkażjonalment ikun hemm nuqqas ta' xogħol, iżda li għalih jingħata ħlas skont il-kuntratt tax-xogħol;

— il-pawsiet tal-mistrieħ fuq il-post tax-xogħol, inkluż il-waqfiet għat-te u l-kafè;

— is-sigħat imqatta' fuq it-taħriġ kemm fl-intrapriża/l-unità lokali u anki fi stabbilimenti edukattivi (din hija eskluża għall-apprendisti);

— is-sigħat imqatta' fuq safriet tan-negozju mħallsin mill-impjegatur;

— il-perjodi tax-xogħol on-call għas-sigħat imqatta' fuq il-post tax-xogħol u għas-sigħat imqatta' barra mill-post tax-xogħol mill-ħin meta l-impjegat jissejjaħ għax-xogħol (inkluż il-ħin tal-ivvjaġġar, eż. mid-dar sal-post tax-xogħol);

— is-sigħat tax-xogħol mid-dar, diment li l-impjegat ikun jista' jintlaħaq mill-impjegatur waqt il-ħinijiet normali tax-xogħol.

Is-sigħat maħduma effettivament ma jinkludux:

— is-sigħat imħallsa iżda mhux maħduma, pereżempju btajjel imħallsa, btajjel pubbliċi, assenza minħabba mard, liv tal-maternità, avvenimenti ta' force majeure bħal kundizzjonijiet estremi tat-temp jew diżastri naturali, eċċ.;

— is-sigħat mhux maħduma u mhux imħallsa, pereżempju waqt mard u maternità, eċċ;

— is-sigħat mhux maħduma (bi ħlas jew bla ħlas) waqt liv speċjali minħabba eżamijiet mediċi, żwiġijiet, funerali, ġarr lejn dar ġdida, wara xi aċċident, eċċ;

— il-pawsiet għall-ikla prinċipali (jiġifieri mhux pawsiet tal-mistrieħ jew waqfiet rikreattivi);

— is-sigħat mhux maħduma (bi ħlas jew bla ħlas) waqt xogħol b'ħinijiet aqsar, tilwimiet tax-xogħol, lockouts, eċċ;

— il-ħin li jqatta' l-impjegat biex jivvjaġġa mid-dar sal-post tax-xogħol u lura;

— is-sigħat li jqattgħu l-apprendisti għal taħriġ fl-intrapriża/l-unità lokali jew fi stabbilimenti edukattivi.

(3) *Pagi u salarji* jinkludu r-remunerazzjoni diretta, il-bonusijiet u l-ħlasijiet għax-xogħol bix-xift, allowances, tariffi, kummissjonijiet u remunerazzjoni in natura. Jinkludu wkoll il-pagi u s-salarji mħallsa lill-ħaddiema li jaħdmu mid-dar, lill-apprendisti, lit-trainees u lill-interns. Iżda l-paga għall-ħaddiema li jaħdmu mid-dar, imħallsin bir-rati ta' biċċiet tax-xogħol hija eskluża [ESA 2010, il-paragrafu 4.07e]. B'differenza mill-kontijiet nazzjonali, it-tips u l-gratwitajiet huma eskluži għax dawn ma jitħallsux mill-impjegaturi u għalhekk ma jiġux irreġistrati bħala kostijiet lavorattivi fil-kontijiet tagħhom.

([2]) Is-sigħat mhux imħallsin li jkunu nħadmu bħala parti minn "sigħat maħduma effettivament", ħafna drabi jkunu jridu jiġu stmati, pereżempju minn data tal-istħarriġ tal-unitajiet domestiċi.

Il-pagi u s-salarji jiġu rreġistrati fil-perjodu li matulu jsir ix-xogħol. Iżda l-bonuses ad hoc u ħlasijiet eċċezzjonali oħrajn, it-tlettax-il salarju, eċċ, jiġu rreġistrati meta għandhom jitħallsu. Il-ħin tar-reġistrazzjoni ta' opzjonijiet fuq l-istokkijiet hu mifrux mid-data tal-għoti u sad-data tal-vestiment. Jekk id-data (elettronika) ma tkunx adegwata, il-valur tal-opzjoni jiġi rreġistrat fid-data tal-vestiment.

(4) *Kostijiet lavorattivi għajr il-pagi u s-salarji* hi s-somma tal-komponenti li ġejjin: il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u t-taxxi fuq ix-xogħol imħallsa mill-impjegatur, minus is-sussidji lavorattivi li jirċievi l-impjegatur.

(5) *Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi* hu ammont daqs il-valur tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pagabbli mill-impjegaturi lill-iskemi tas-sigurtà soċjali jew lil skemi oħra tal-assigurazzjoni soċjali relatati mal-impjieg biex jiżguraw l-intitolament għall-benefiċċji soċjali lill-impjegati tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jistgħu jkunu effettivi jew imputati.

Dawn ikopru r-riskji u l-ħtiġijiet li ġejjin:

— il-mard;

— l-invalidità, id-diżabbiltà;

— aċċident jew mard marbut max-xogħol;

— ix-xjuħija;

— is-superstiti;

— il-maternità;

— il-familja;

— il-promozzjoni tax-xogħol;

— il-qgħad;

— l-akkomodazzjoni;

— l-edukazzjoni;

— il-qagħda ġenerali tal-bżonnijiet.

Dawn jinkludu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi pagabbli lill-apprendisti.

(6) *Taxxi fuq ix-xogħol imħallsa mill-impjegatur* ikopru t-taxxi kollha bbażati fuq it-total tal-pagi u s-salarji jew fuq l-impjieg. Dan it-taxxi jitqiesu bħala kostijiet lavorattivi. It-taxxi tal-penali li jridu jitħallsu f'xi pajjiżi mill-impjegaturi talli jimpjegaw ftit wisq persuni b'diżabbiltà, u taxxi jew tariffi simili, huma inklużi wkoll.

Din il-kategorija ta' kostijiet lavorattivi ma tinkludix il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali pagabbli mill-impjegatur jew l-ammonti miżmuma mill-impjegatur biex jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew it-taxxi fuq l-introjtu pagabbli mill-impjegat.

(7) *Sussidji lavorattivi li jirċievi l-impjegatur* huma l-ammonti kollha riċevuti fil-forma ta' sussidji pubbliċi maħsubin għal rifużjoni ta' parti mill-kost jew tal-kost kollu tar-remunerazzjoni diretta, iżda mhux maħsubin biex ikopru l-kostijiet tas-sigurtà soċjali jew tat-taħriġ vokazzjonali. Dawn ma jinkludux ir-rifużjonijiet imħallsa lill-impjegatur mill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew minn fondi supplementari tal-assigurazzjoni. Dawn jinkludu s-sussidji lavorattivi li jirrifondu l-kost tar-remunerazzjoni tal-apprendisti kif ukoll tat-trainees u l-interns imħallsin.

(8) *Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali għal kull siegħa maħduma (l-indiċi tal-kost lavorattiv jew LCI)* hu definit bħala l-indiċi Laspeyres tal-kostijiet lavorattivi trimestrali għal kull siegħa maħduma, marbut katina għal kull sena u abbażi ta' struttura fissa tal-attivitajiet ekonomiċi fil-livell tat-taqsima tal-klassifikazzjoni NACE. Il-formola li trid tintuża għall-kalkolu tal-LCI hi speċifikata fit-Taqsima 2.1 "Regoli għall-kalkoli".

(9) *Indiċi trimestrali tal-pagi u s-salarji għal kull siegħa maħduma* hu definit bħala l-indiċi Laspeyres tal-pagi u s-salarji trimestrali għal kull siegħa maħduma, marbut katina għal kull sena u abbażi ta' struttura fissa tal-attivitajiet ekonomiċi fil-livell tat-taqsima tal-klassifikazzjoni NACE.

(10) *Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għajr il-pagi u s-salarji għal kull sieġħa maħduma* hu definit bħala l-indiċi Laspeyres tal-kostijiet lavorattivi trimestrali għajr il-pagi u s-salarji għal kull sieġħa maħduma, marbut katina għal kull sena u abbażi ta' struttura fissa tal-attivitajiet ekonomiċi fil-livell tat-taqsima tal-klassifikazzjoni NACE.

(11) *Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali (TCI) (fakultattiva*) hu definit bħala l-proporzjon sempliċi bejn il-kostijiet lavorattivi totali rreġistrati fit-trimestru ta' referenza u kwart ta' dawk irreġistrati fis-sena kalendarja preċedenti, marbut katina għal kull sena lura sas-sena bażi. Il-formola li trid tintuża għall-kalkolu tat-TCI hi speċifikata fit-Taqsima 2.1 "Regoli għall-kalkoli".

(12) *Indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma (HWI) (fakultattiva)* hu definit bħala l-indiċi Paasche tas-sigħat trimestrali maħduma, marbut katina għal kull sena u abbażi ta' struttura mhux fissa tal-attivitajiet ekonomiċi fil-livell tat-taqsima tal-klassifikazzjoni NACE. Il-formula li trid tintuża għall-kalkolu tat-HWI hi speċifikata fit-Taqsima 2.1 "Regoli għall-kalkoli".

L-indiċi trimestrali tal-kost lavorattiv, l-indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali u l-indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma għandhom jiġu espressi f'sena bażi li għaliha l-indiċijiet annwali, ikkalkulati bħala l-medja sempliċi tal-erba' indiċijiet trimestrali ta' dik is-sena, huma ugwali għal 100 għall-indiċijiet mhux aġġustati, aġġustati kalendarjament, u aġġustati kalendarjament u staġunalment.

Is-sena bażi għandha tinbidel kull erba' snin. Id-data għandha tintbagħat fis-sena bażi l-ġdida għall-perjodi ta' referenza li jibdew mill-ewwel trimestru tas-sena ta' wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar data tas-suġġett "struttura tal-kostijiet lavorattivi" mill-Eurostat. L-ewwel sena bażi għandha tkun l-2024.

(c) **Għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri"**

(1) *Differenza fil-pagi bejn il-ġeneri* hi d-differenza fil-medja tal-paga grossa fis-sieġħa bejn l-impjegati rġiel u l-impjegati nisa, espressa bħala persentaġġ tal-medja tal-paga grossa fis-sieġħa tal-impjegati rġiel.

(2) *Paga grossa, għadd ta' sigħat imħallsa, forma ta' kontroll ekonomiku u finanzjarju (pubbliku/privat), u ħin tax-xogħol kuntrattwali (impjegat full-time/part-time)* huma definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1526.

(3) *Paga grossa fis-sieġħa* hi l-paga grossa fix-xahar diviża bin-numru tas-sigħat imħallsa fix-xahar.

2.1. **Regoli għall-kalkoli**

(a) *Għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala"*

Id-data għall-postijiet battala u għall-postijiet okkupati għandha tkun rappreżentattiva tat-trimestru ta' referenza kollu. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom l-għażla li jiġbru d-data f'data ta' referenza speċifika fi żmien nofs ix-xahar tat-trimestru ta' referenza, jew li jikkalkulaw medja rappreżentattiva abbażi ta' data miġbura f'dati ta' referenza speċifiċi ċċentrati madwar ix-xahar tan-nofs tat-trimestru ta' referenza jew miġbura kontinwament tul it-trimestru ta' referenza.

(b) *Għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv"*

L-indiċijiet trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull sieġħa maħduma, l-indiċijiet trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali (*fakultattivi*) u l-indiċijiet trimestrali tas-sigħat maħduma (*fakultattivi*) għandhom ikunu rappreżentattivi tat-trimestru ta' referenza kollu.

Il-kostijiet lavorattivi annwali (ponderazzjonijiet) għandhom jikkorrispondu għas-sena kalendarja kollha.

(c) *Formola għall-kalkolu tal-indiċi marbut katina tal-kost lavorattiv (LCI)*

Il-formola tal-indiċi katina Laspeyres għandha tintuża għall-kalkolu tal-indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull sieġħa maħduma (LCI) u ż-żewġ komponenti tal-kost tiegħu (il-pagi u s-salarji, u l-kostijiet lavorattivi għajr il-pagi u s-salarji) għat-taqsimiet tan-NACE individwali, għall-aggregati tan-NACE u għall-ekonomija kollha.

(1) Il-formola Laspeyres bażika li trid tintuża għall-kalkolu tal-LCI għat-trimestru *t* fis-sena *j*, għat-taqsimiet tan-NACE, għall-aggregati tan-NACE u għall-ekonomija kollha bis-sena ta' referenza *k* hi definita bħala:

$$LCI_{tj(k)} = \frac{\sum_i w_i^{tj} h_i^k}{\sum_i w_i^k h_i^k} = \frac{\sum_i (w_i^{tj}/w_i^k)\, w_i^k h_i^k}{\sum_i W_i^k} = \frac{\sum_i W_i^k (w_i^{tj}/w_i^k)}{\sum_i W_i^k}$$

Fejn:

w_i^{tj} = kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*,

h_i^k = sigħat maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*,

w_i^k =kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*,

u $1 \le t \le 4$,

W_i^k = $w_i^k \times h_i^k$ = kostijiet lavorattivi totali tal-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*.

(2) Il-ponderazzjonijiet użati għall-kalkolu tal-indiċi huma definiti bħala: $\frac{W_i^k}{\sum_i W_i^k}$

(3) Ir-rabta annwali għas-sena *l* sas-sena *l*+1, fejn $0 \le l < l+1 < j$ hi definita bi:

$$L''_{l,\, l+1} = \frac{\sum_i w_i^{l+1} h_i^l}{\sum_i w_i^l h_i^l}$$

(4) Il-formola tal-indiċi katina Laspeyres għat-trimestru *t* fis-sena *j* bis-sena bażi *k*=0 u l-intervall *m* meħtieġ biex jiġu proċessati u applikati il-ponderazzjonijiet annwali meħtieġa, fejn $1 \le = m \le = 2$, hi definita bħala:

$$LCI_{tj(0)} = 100 \times (L''_{0,1}) \times (L''_{1,2}) \times \ldots\ldots \times (L''_{j-m-1,j-m}) \times LCI_{tj(j-m)}$$

(d) *Formola għall-kalkolu tal-indiċijiet marbutin katina tal-kostijiet lavorattivi totali (fakultattiva)*

1. Il-formola li trid tintuża għall-kalkolu tal-kostijiet lavorattivi totali (TCI) għat-trimestru *t* fis-sena *j*, għat-taqsimiet tan-NACE, għall-aggregati tan-NACE u għall-ekonomija kollha bis-sena ta' referenza *k* hi definita bħala:

$$TCI_{tj(k)} = \frac{\sum_i h_i^{tj} w_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i h_i^k w_i^k} = \frac{\sum_i W_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i W_i^k}$$

fejn:

h_i^{tj} = sigħat maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*,

w_i^{tj} = kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*,

h_i^k = sigħat maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*,

w_i^k = kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*,

W_i^{tj} = $w_i^{tj} \times h_i^{tj}$ = kostijiet lavorattivi totali tal-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*,

W_i^k = $w_i^k \times h_i^k$ = kostijiet lavorattivi totali tal-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*;

u $1 \le t \le 4$.

(2) Il-formola tal-indiċi katina għat-trimestru *t* fis-sena *j* bis-sena bażi *k*=0 hi definita bħala:

$$TCI_{tj(0)} = \frac{\sum_i h_i^{tj} w_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i h_i^0 w_i^0} = \frac{\sum_i W_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i W_i^0}$$

(e) *Formola għall-kalkolu tal-indiċijiet marbutin katina tas-sigħat maħduma (HWI) (fakultattiva)*

(1) Il-formola Paasche bażika li trid tintuża għall-kalkolu tal-indiċijiet marbutin katina tas-sigħat maħduma (HWI) għat-trimestru *t* fis-sena *j*, għat-taqsimiet tan-NACE, għall-aggregati tan-NACE u għall-ekonomija kollha bis-sena ta' referenza *k* hi definita bħala:

$$HWI_{tj(k)} = \frac{\sum_i h_i^{tj} w_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i h_i^{k} w_i^{tj}} = \frac{\sum_i h_i^{tj} w_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i \left(h_i^{k} / h_i^{tj}\right) h_i^{tj} w_i^{tj}} = \frac{\sum_i W_i^{tj}}{\frac{1}{4}\sum_i W_i^{tj} \left(h_i^{k} / h_i^{tj}\right)}$$

fejn:

h_i^{tj} = sigħat maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*,

h_i^{k} = sigħat maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fis-sena *k*,

w_i^{tj} = kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma mill-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*;
u $W_i^{tj} = w_i^{tj} \times h_i^{tj}$ = kostijiet lavorattivi totali tal-impjegati fit-taqsima tan-NACE *i* fit-trimestru *t* fis-sena *j*;
u $1 \leq t \leq 4$.

(2) Il-ponderazzjonijiet użati għall-kalkolu tal-indiċi huma definiti bħala:

$$\frac{W_i^{tj}}{\sum_i W_i^{tj}}$$

(3) Ir-rabta annwali għas-sena l sas-sena l+1, fejn 0 ≤ l < l+1 < j hi definita bi:

$$L'_{l,\,l+1} = \frac{\sum_i h_i^{l+1} w_i^{l+1}}{\sum_i h_i^{l} w_i^{l+1}}$$

(4) Il-formola tal-indiċi katina Paasche għat-trimestru *t* fis-sena *j* bis-sena bażi *k*=0 u l-intervall *m* meħtieġ biex jiġu proċessati u applikati il-ponderazzjonijiet annwali meħtieġa, fejn 1 ≤ = m ≤ = 2, hi definita bħala:

$$HWI_{tj(0)} = 100 \times (L'_{0,1}) \times (L'_{1,2}) \times \ldots\ldots \times (L'_{j-m-1,j-m}) \times HWI_{tj(j-m)}$$

(f) *Għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri"*

$$GPG_K = \frac{\left[\frac{\sum_{i=1}^{M} GHE_i}{M} - \frac{\sum_{j=1}^{W} GHE_j}{W}\right]}{\frac{\sum_{i=1}^{M} GHE_i}{M}} \times 100$$

Fejn:

GPG_K = id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għas-sena kalendarja *K*,

GHE_i = il-paga grossa fis-siegħa tal-impjegat raġel *i*, f'xahar rappreżentattiv fis-sena kalendarja *K* jew l-istima tagħha jekk ma tkun disponibbli l-ebda data dwar l-istruttura tal-pagi,

GHE_j = il-paga grossa fis-siegħa tal-impjegata mara *j*, f'xahar rappreżentattiv fis-sena kalendarja *K* jew l-istima tagħha jekk ma tkun disponibbli l-ebda data dwar l-istruttura tal-pagi,

M = għadd ta' impjegati rġiel,

W = għadd ta' impjegati nisa.

2.2. **Settijiet tad-data għal stimi bikrija**

(a) *Għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala"*

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2025/941 għandhom jibagħtu stimi bikrija tal-varjabbli "postijiet battala" u "postijiet okkupati". Dawn l-istimi għandhom ikunu rappreżentattivi tal-intrapriżi residenti jew l-unitajiet lokali residenti kollha b'impjegat wieħed jew aktar li jappartjenu għat-total tat-taqsimiet tan-NACE kollha fl-ambitu tas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala" kif definit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament 2025/941.

Id-data għandha tintbagħat (i) mhux aġġustata u (ii) aġġustata staġunalment.

(b) *Għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv"*

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2025/941 għandhom jibagħtu stimi bikrija għall-indiċi tal-kost lavorattiv (LCI). Dawn l-istimi għandhom ikunu rappreżentattivi tal-intrapriżi residenti jew l-unitajiet lokali residenti kollha b'impjegat wieħed jew aktar li jappartjenu għat-total tat-taqsimiet tan-NACE kollha fl-ambitu tas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv" kif definit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament 2025/941.

Id-data għandha tintbagħat (i) mhux aġġustata u (ii) aġġustata kalendarjament.

Id-data aġġustata kalendarjament u staġunalment tista' tintbagħat b'mod fakultattiv.

Stimi bikrija għaż-żewġ suġġetti għandhom jinkludu kwalunkwe reviżjoni għal mill-inqas l-erba' trimestri ta' qabel il-perjodu ta' referenza.

It-trażmissjoni ta' stimi bikrija għat-taqsimiet tan-NACE individwali u għall-aggregati tan-NACE kif stabbilit fit-Taqsima 1 "Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli" hija fakultattiva għaż-żewġ suġġetti.

2.3. **Data b'lura (fakultattiva)**

(a) *Għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala"*

L-Istati Membri għandhom jibagħtu data b'lura, kif definit fit-Taqsima 1 "Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli", għall-perjodi ta' referenza lura sal-ewwel trimestru tal-2010, ħlief għat-taqsimiet G, J, K u T tal-NACE, li għandhom jibagħtu data b'lura sal-ewwel trimestru tal-2018.

Id-data b'lura għandha tkopri lill-intrapriżi residenti jew l-unitajiet lokali residenti kollha b'impjegat wieħed jew aktar.

(b) *Għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv"*

L-Istati Membri għandhom jibagħtu data b'lura għas-suġġett dettaljat "Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull sieġħa maħduma", kif definit fit-Taqsima 1 "Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli", għall-perjodi ta' referenza lura sal-ewwel trimestru tal-2009 inkluż, ħlief għat-taqsimiet G, J, K u T tal-NACE, li għandhom jibagħtu data b'lura mill-ewwel trimestru tal-2018.

Id-data b'lura għandha tkopri lill-intrapriżi b'impjegat wieħed u aktar. Jekk din id-data ma tkunx disponibbli, għandhom jintużaw sorsi u metodi xierqa ta' stima.

Għas-suġġett dettaljat "Kostijiet lavorattivi annwali", l-Istati Membri għandhom jibagħtu data b'lura, kif definit fit-Taqsima 1 "Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli", għall-perjodi ta' referenza lura sas-sena 2008, ħlief għat-taqsimiet G, J, K u T tal-NACE, li għandhom jibagħtu data b'lura mis-sena 2017.

Għall-"Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali" u għall-"Indiċi trimestrali tas-siegħat maħduma", l-Istati Membri jistgħu jibagħtu data b'lura, kif definit fit-Taqsima 1 "Lista u deskrizzjoni tal-varjabbli", għall-perjodi ta' referenza lura sal-ewwel trimestru tal-2025.

(c) *Għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri"*

L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-data b'lura għall-perjodi ta' referenza lura sal-aħħar data tas-suġġett "struttura tal-qligħ" mibgħuta lill-Eurostat, li tibda mis-sena kalendarja 2026.

ANNESS II

Miri ta' preċiżjoni

(a) **Għas-suġġett "postijiet tax-xogħol battala"**

L-Istati Membri li jużaw metodi tal-kampjunar għandhom jimmiraw li jżommu l-koeffiċjent tal-varjazzjoni taħt il-5% għall-għadd ta' postijiet battala (mhux aġġustat) imkejjel tul it-trimestru ta' referenza għall-intrapriżi residenti jew l-unitajiet lokali residenti kollha b'impjegat wieħed jew aktar li jappartjenu għat-total tat-taqsimiet tan-NACE kollha fl-ambitu tas-suġġett "postijiet battala", kif definit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament 2025/941.

L-Istati Membri li jużaw metodi tal-kampjunar għandhom jimmiraw li jżommu l-koeffiċjent tal-varjazzjoni taħt il-1% għall-għadd ta' postijiet okkupati (mhux aġġustat) imkejjel tul it-trimestru ta' referenza għall-intrapriżi residenti jew l-unitajiet lokali residenti kollha b'impjegat wieħed jew aktar li jappartjenu għat-total tat-taqsimiet tan-NACE kollha fl-ambitu tas-suġġett "postijiet battala", kif definit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament 2025/941.

Id-data mingħuta skont dan ir-Regolament għandha tiġi mmarkata "affidabbiltà baxxa" jekk il-koeffiċjent tal-varjazzjoni tagħha jkun iżjed minn 25%.

(b) **Għas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv"**

L-Istati Membri li jużaw metodi tal-kampjunar għandu jimmiraw li jżommu l-errur standard taħt iż-0,2 punti perċentwali għall-komponent tal-pagi u s-salarji tal-indiċi tal-kost lavorattiv, mhux katenat, mhux aġġustat kalendarjament jew staġunalment, li jkopri l-intrapriżi residenti jew l-unitajiet lokali residenti kollha b'impjegat wieħed jew aktar li jappartjenu għat-total tat-taqsimiet tan-NACE kollha fl-ambitu tas-suġġett "indiċi tal-kost lavorattiv", kif definit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament 2025/941.

L-errur standard għandu jiġi kkalkulat b'formoli jew simulazzjonijiet teoretiċi. Dan jistma d-distanza mistennija bejn l-istima statistika u l-valur proprja li jrid jitkejjel.

(c) **Għas-suġġett "differenza fil-pagi bejn il-ġeneri"**

Għas-snin li jaħbtu ma' sena ta' referenza tas-suġġett "struttura tal-pagi", l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jżommu d-differenza assoluta bejn (1) il-valur derivat mid-data tas-suġġett "struttura tal-pagi" u (2) id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri mibgħuta għall-ekonomija kollha (qabel reviżjoni) taħt iż-2 punti perċentwali.